MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 7/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Marco Farrugia fis-17 ta' Novembru 1998; li fl-istess kuntratt l-attur obbliga ruhu li jghaddi lil konvenutmartu bhala manteniment ghalia s-somma ta' LM58 [illum €135.14] fil-gimgha; li l-attur huwa "self employed u d-dhul tieghu naqas drastikament, ifforma familja gdida u ghalhekk zdiedulu l-ispejjez, kif ukoll martu ghandha relazzjoni ma' ragel iehor, u ghandha wkoll hanut tal-antikita' ma' huha, liema hanut jinsab f' Marina Street, Pieta,"; li ghalhekk jivverifikaw ruhhom cirkostanzi li jaghtu lok ghar-revizjoni

u tnaqqis tal-manteniment pagabbli milli attur, kif ukoll ghad-dekadenza mid-dritt ta' manteniment lill-konvenuta "minhabba li hija ghandha relazzjoni ma' ragel iehor."; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex iressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din l-Qorti [1] tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ta' manteniment minghand zewgha "minhabba li ghandha relazzjoni ma' ragel iehor"; [2] tiddikjara li l-konvenuta ghandha dhul iehor, u ghalhekk l-attur mhux obbligat aktar li jmantniha; [3] tiddikjara li huwa mpossibbli ghall-attur li jhallas il-manteniment stabbilit fl-imsemmi kuntratt; [4] tirrivedi l-manteniment pagabbli mill-attur billli tillikwidah f' somma nferjuri tenut kont tac-cirkostanzi rilevanti tal-partijiet; [5] tiddikjara li l-manteniment hekk likwidat ghandu jkollu effett mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet [1] l-inkompetenza ta' din il-Qorti,stane li l-materja tirrigwarda atti pubblici, u se mai hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili "li hija vestita bil-kompetenza li tiddecidi dwar it-talbiet tar-rikorrenti."; [2] li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in vista tal-massima *pacta sunt servanda*; [3] li mhux minnu li avveraw ruhhom kondizzjonijiet li jiskattaw id-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt li tircevi l-manteniment pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni; kif lanqas hu minnu li l-attur naqaslu l-introjtu tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tircevi aktar il-manteniment pattwit mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni "minhabba li hija ghandha relazzjoni ma' ragel iehor."; kif ukoll dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-attur huwa fl-impossibilita' li jkompli jesegwixxi l-obbligu kontrattwali

tieghu bil-hlas settimanali tas-somma ta' LM58 [Illum €135.14] lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha, u wkoll peress li l-konvenuta ghandha dhul iehor. L-attur qed jitlob li l-manteniment jigi rivedut, u li l-manteniment hekk rivedut ikun dovut mid-data tal-prezentata tal-kawza.

Minn naha tieghu l-konvenuta, wara li ssollevat eccezzjoni ta' natura procedurali, qed topponi ghat-talbiet attrici, stante li l-fatti ma jaghtux lok ghad-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt li titlob manteniment ex contractu, kif ukoll ma jezistux ic-cirkostanzi li jaghtu lok ghar-revizjoni, apparti mill-ostakolu legali ghal tali revizjoni derivanti mill-principju fundamentali ta' pacta sunt servanda.

**Dekadenza**

*Il-Fatti*

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet isseparaw permezz ta' l-imsemmi kuntratt fejn fil-klawsola numru tlieta [3] il-partijiet ftehmu u ntrabtu li l-attur kellu jghaddi lil konvenuta bhala manteniment ghaliha s-somma settimanali ta' LM58 [illum €135.14]; u testwalment ftehmu: "Inoltre qed jigi miftiehem illi l-mara tiddekadi mid-dritt ta' manteniment <u>biss</u> kemm-il darba hija tghix more uxoria jew tikkoabita regolarment ma' ragel iehor."[1]

Illi,wara s-separazzjoni, l-konvenuta dahhlet f' relazzjoni stabbli ma' certu Malcolm Craig, li ilha sejra ghal aktar minn tmien snin. Huwa pacifiku wkoll li l-konvenuta u dan Malcolm Craig ikollhom relazzjonijiet intimi flimkien, u meta jsiefru flimkien jorqdu flimkien; wkoll, Malcolm Craig jmur ghand il-konvenuta kuljum, jiekol u jmur ukoll filghaxija, u, wara xi siegha huwa jmur lura f' daru; il-konvenuta gieghli ghaslitlu u ghaddietl hwejjeg, u tikkonferma li dan jaghtiha kull ma jkollha bzonn, anke flus, u jhallsilha l-kontijiet tad-dawl u ilma. <u>Izda dawn jghixu separatament minn xulxin, u jghixu fi djar separati</u> mat-tfal rispettivi taghhom. Malcolm Craig jghix fi Triq it-Torri f' tas-Sliema flimkien ma' bintu, filwaqt li l-konvenuta tghix f' The Strand, fil-Gzira mat-tlett uliedha mill-attur.

[1] Vol.1 – fol.5 – sottolinear ta' din il-Qorti

Illi mill-kuntratt tas-separazzjoni jirrizulta car li l-partijiet ftehmu u riedu li l-konvenuta titlef id-dritt li tkompli tircevi r-retta alimentarja pattwita "biss kemm-il darba hija tghix more uxoria jew tikkoabita regolarment ma' ragel iehor." Mela allura jirrizulta can minn dan il-kuntratt li mhux kull relazzjoni extra-matrimonjali da parti tal-konvenuta ttellifha d-dritt li tircevi ex contractu dak pattwit bejn il-partijiet, imma biss jekk il-konvenuta tghix fi stat ta' konkubinagg ma' ragel iehor. Dan kien il-hsieb tal-partijiet meta ftehmu fuq din il-parti tal-klawsola.

Illi rigward l-interpretazzjoni tal-frasi "more uxoria" il-Qorti tosserva li din tirrifletti stat fejn zewg persuni, li ma jkunux konjugi, jghixu bhala konjugi barra z-zwieg. In propozitu l-awtur taljan Francesco Gazzoni, jiddeskrivi dan l-istat ta' fatt bhala *famiglia di fatto*, u jiddeskrivih bhala "fenomino, che un tempo veniva ndicato con il termine concubinato ovvero con l-espressione convivenza more uxorio" u jkompli josserva li fis-sustanza dan l-istat ta' fatt jissussisti fejn ragel u mara "vivono e si comportano, anche esternamente, come coniugi senza essere tra di loro sposati."[2]

Ghalhekk sabiex tavvera l-kondizzjoni li twassal ghad-dekadenza mid-dritt tal-konvenuta ghal-mateniment pattwit, l-attur ghandu l-oneru li jipprova, mhux biss li l-konvenuta ghandha relazzjoni extra matrimonjali stabbli ma' ragel iehor, anke jekk dawn ikunu jiffrekwentaw lil xulxin kwotidjanament u jghinu lil xulxin anke finanzjarjament, izda jehtieg il-prova ta' l-element tal-konvivenza, u cioe' li l-konvenuta tikkonvivi man-namrat taghha that saqaf wiehed. Lanqas hi bizzejjed il-prova li meta dawn isiefru huma joqghodu fl-istess kamra fl-istess sodda, ghax il-konvivenza tfisser izjed minn hekk; tfisser li tnejn minn nies, fuq bazi gjornaliera u fil-hajja taghhom ta' kuljum, jghixu flimkien.

Illi hija opportuna l-osservazzjoni li llum il-gurnata fejn in-nies, partikolarment il-generazzjoni zaghzugha, ma jhossuhomx aktar daqshekk marbutin mad-dettami tar-

[2] Manuale di Diritto Privato [ed.2003] Parte V – Capitolo XXI pg.311 – famiglia di fatto

regola ta’ l-astinenza mill-attivita’ sesswali, inkluz l-att taz-zwieg, barra z-zwieg, huwa komuni l-fatt li gharajjes, u anke namrati, jkollhom, barra z-zwieg, relazzjonijiet intimi bejniethom, u anke jsiefru ghal certu perijodi flimkien, u jiffrekwentaw ta’ spiss, sa minn kmieni fir-relazzjoni, ir-residenzi rispettivi taghhom fejn jkunu jghixu mal-genituri taghhom;  izda b’ daqshekk ma jfissirx li dawn ikunu qed jikkonvivu flimikien.

Finalment, u b’ referenza ghal dak sottomess mill-attur, il-Qorti tosserva li l-imsemmija klawsola ma tezentax lill-partijiet mill-obbligu tal-fedelta’ wara s-separazzjoni, izda qeda tikkontmepla biss il-kaz uniku fejn l-konvenuta titlef id-dritt li tibqa’ tippercepixxi l-manteniment pattwit.

Ghaldaqstant l-ewwel talba, in kwantu tirriferi ghad-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt taghha li titlob il-manteniment pattwit, ma tistax treggi.

**Manteniment – Ezenzjoni – Varjazzjoni**

Illi fit-talba [c] l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li hu qieghed fl-impossibilita’ li jezegwixxi l-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas manteniment ghall-konvenuta, assunt minnu fil-kuntratt tas-separazzjoni; u sekondarjament fit-talbiet sussegwenti, u anke t-talba [b] qed jitlob varjazzjoni tal-quantum pattwit, anke peress li l-mara ghandha dhul iehor.

Illi in vena legali jigi osservat li l-posizzjoni legali kif abbraccjata mill-gurisprudenza interpretattiva hija li “fejn si tratta ta’ ftehim per via ta’ kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta’ pacta sunt servanda.  Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw prosizzjoni rigida, anzi wahda nflessibbli, meta gew rinfaccjati b’ talbiet ghar-revizjoni u/jew varjazzjoni ta’ retti alimentari li jkunu gew mifthema bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-ncessita’ lii fl-interess ta’ l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi that certu cirkostanzi li gew kwalifikati bhala ta’ **natura gravi, eccezzjonali jew**

**indipendenti mill-volonta' ta' l-attur**[3] li gabuh fl-impossibilita' li jhallas ir-retta alimentari, allura f' kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni…. [omissis] …. [f' kaz ta' manteniment pattwit] wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu <u>fl-ahjar interess taghhom it-tnejn</u>." *[App. Alfred Grech vs Pauline Grech deciza 16 .04.2004].*

Ghalhekk, sabiex l-attur jirnexxi f' dawn it-talbiet tieghu, ghandu l-oneru li jipprova l-impossibilita' da parti tieghu li jkompli jezegwixxi l-obbligu kontrattwali; impossibilita' din, derivanti minn cirkostanzi gravi u eccezzjonali, ndipendenti mill-volonta' ta' l-attur; u huwa biss f' kaz li hu jirnexxi f' din il-provi li sussegwentement jsir l-ezami ghar-revizjoni tal-manteniment, jew ghall-ezenzjoni mill-obbligu tieghu.

Fil-kaz in disamina l-Qorti ma tirravvizax cirkostanzi gravi, eccezzjonali u indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li jammettu ghall-varjazzjoni tal-klawsola precitata. Mill-provi ma jirrizultax li l-attur huwa fil-fatt fl-<u>impossibilita'</u> li jezegwixxi dan l-obbligu tieghu, assunt minnu fil-kuntratt tas-separazzjoni, wara li prezumibilment huwa jkun qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Inoltre, l-attur, li fuq il-kuntratt indika li huwa fil-kummerc u fir-rikors guramentat iddeskriva lilu nnifsu bhala self-employed, ma ressaqx provi sodisfacenti li juru l-introjtu annwali <u>shih</u> tieghu naqas tant drastikament b' mod li huwa qieghed fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment pattwit, kif lanqas ma pprova li dan it-tnaqqis mhuwiex rizultat ta' xi azzjoni volontarja da parti tieghu. Di fatti x-xhieda tieghu f' dan ir-rigward tikkonsisti biss f' affidavit tieghu li, ghal finijiet ta' l-ezami odjern, huwa rrelevanti stante li ma hemm ebda spjega ta' x' wassal ghar-riduzzjoni fl-introjtu tieghu; kif ukoll zewg formoli ta' l-FS3 tas-snin 2005 u 2006[4] prezentati minnu, mhux bil-gurament, izda permezz ta' verbal waqt is-seduta

[3] Emfasi tal-Qorti
[4] Fol.100

quddiem l-Assistant Gudizzjarju, u li, ghalkemm iffirmati mill-accountant tieghu Albert Scerri, dan ma semma xejn fir-rigward fl-affidavit[5] tieghu. Di piu’ l-attur ma ressaqx provi biex juri li l-introjtu li jidher fuq dawn id-dokumenti huwa l-uniku ntrojtu tieghu.

Inoltre il-fatt li sussegwentement ghall-kuntratt tas-separazzjoni huwa dahal f’ relazzjoni stabbli ma’ mara ohra li minnha ghandu tarbija, ma jimmilitax favur l-attur stante li din ic-cirkostanza mhijiex indipendenti mill-volonta’ tieghu.

In fine jigi osservat li, gjaldarba l-attur naqas li jipprova sodisfacentement l-impossibilita’ tieghu li jezegwixxi l-obbligu kuntrattwali tieghu rigwardandi r-retta alimentarja dovuta minnu lil martu, il-pozizzjoni finanzjarja tal-konvenuta hija rrilevanti fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni kontrattwali bejn il-partijiet li turi l-kuntrarju.

**Eccezzjoni – Inkompetenza**

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni, jirrizulta manifest li l-kaz odjern jirrigwarda vertenza dwar manteniment, dekadenza u revizjoni ta’ l-istess, u li hija regolata b’ dispozizzjonijiet tal-ligi li jidhlu fil-kompetenza tal-Qorti tal-familja; u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax treggi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi billi, previa r-rigett ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talbiet attrici;

L-ispejjez jkunu a kariku ta’ l-attur, hlief dawk relattivi ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta li ghandha tibqa’ a kariku ta’ l-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[5] Fol.49